# L-Appell ta' l-Aġenzija SEDQA ftit jiem bogħod mill-Karnival
# Nieħdu pjaċir mingħajr abbużi

**Artiklu miktub minn Charmaine Craus**
**Ippublikat fuq it-Torċa**

Donnu llum daħlet sewwa d-drawwa fostna li għal kull okkażjoni ta' divertiment, irridu niċċelebraw billi niskru u niddamdmu. U l-jiem tal-bluha tal-Karnival m'huma xejn inqas. Minkejja li din il-festa hija iżjed assoċjata mat-tfal, illum kiber sew l-interess fost dawk l-adulti li kull sena jinvolvu ruħhom sew fl-organizzazzjoni tal-Karnival. Magħhom hemm dawk li jħobbu l-Karnival għax jerħulha lejn il-Belt biex isegwu d-divertiment u l-briju li jkun għaddej. Imbagħad hemm ukoll dawk li jħobbu jinħbew taħt maskri grotteski biex iġibu ruħhom skond kif jaħsbuha dak il-ħin bl-iskuża li ħadd mhu se jagħrafhom.
it-TORĊA tkellmet ma' Margaret Abela mis-Servizzi ta' Prevenzjoni ta' l-Aġenzija SEDQA dwar il-konsum ta' l-alkoħol f'dawn il-ġranet.

"Iva, huwa stat ta' fatt li matul dawn il-ġranet, bħal ma jiġri fi ġranet oħrajn fejn in-nies iħobbu jiċċelebraw, il-konsum ta' l-alkoħol jiżdied. U huwa proprju għalhekk li minbarra l-kampanji tagħha ta' matul is-sena, SEDQA tixtieq li anke għal żmien il-Karnival twassal il-messaġġ tagħha biex dak li jkun iżomm 'il bogħod minn konsum żejjed ta' alkoħol, speċjalment meta nafu li dawn l-erbat ijiem huma iżjed assoċjati mat-tfal milli mal-kbar u għalhekk l-imġieba ta' l-adult tista' tinfluwenza b'mod negattiv liż-żgħir."
Għal dawn il-jiem, l-Aġenzija SEDQA .......

Il-ġenituri jridu jiftakru fir-responsabbiltajiet tagħhom meta jieħdu lil uliedhom fil-qalba ta' dawn l-attivitajiet. "Illum il-Karnival m'għadux tat-tfal biss," żiedet tgħid Abela. "Minbarra li jgħallmu lil uliedhom li jistgħu jiddevertu mingħajr ma jikkonsmaw alkoħol, il-ġenituri għandhom iġorru r-responsabbilità tagħhom biex ma jagħlqux għajejhom sempliċiment sakemm jgħaddu dawn il-festi. Wieħed irid jiftakar li llum daħlet id-drawwa li rridu nikkonsmaw l-alkoħol għal kull ċelebrazzjoni li teżisti, sew jekk il-Milied, sew jekk il-festa u anke jekk jirbaħ it-tim favorit tagħna. Għalhekk, irridu naraw x'messaġġ qiegħed

jitwassal lil dawn it-tfal u nrawmu l-idea fost il-ġenituri biex ma jesponux lil uliedhom għal din l-imġieba."

L-appell ta' l-Aġenzija SEDQA huwa li l-ġenituri għandhom ikunu responsabbli għall-eżempji li qegħdin jassorbu uliedhom meta jesponuhom għal attivitajiet bħal dawn.

SEDQA tfakkar ukoll li jkun qiegħed jikser il-liġi min ibiegħ jew joffri alkoħol lil tfal li ma jkunux għadhom għalqu 16-il sena. Sfortunatament, għad hawn ġenituri li ma fehmux din il-liġi, u jagħtu l-kunsens lil uliedhom biex jikkonsmaw l-alkoħol, f'dan il-każ, bl-iskuża tal-Karnival.

"Assolutament mhijiex aċċettabbli li t-tfal jistgħu jixorbu sempliċiment għax ġiet okkażżjoni. Għad hawn ġenituri li b'mod indirett, ikunu qegħdin jinkoraġixxu lil uliedhom biex jiksru l-liġi. Il-Karnival hija festa sabieħa kemm għall-kbar kif ukoll għat-tfal, u biex niddevertu flimkien, m'hemmx għalfejn nagħmlu dan bl-abbużi," temmet għid Margaret Abela.

L-Agenzija sedqa din is-sena bdiet kuntatti wkoll ma' l-Ghaqda Partecipanti tal-Karnival. L-ghan hu li f'dan iz-zmien ta' celebrazzjoni, nwasslu messagg pozittiv matul iz-zmien tal-karnival. L-Inizzjattiva li nibtet permezz ta' hekk hi li 4 zghazagh hadmu f'workshop taht id-direzzjoni ta' din l-Ghaqda biex ikkreaw maskarun b'messagg pozittiv u li ser jintuza fil-karnival. Din hi l-ewwel inizzjattiva li qed issehh ma' din l-ghaqda, ghax sedqa qed tippjana aktar inizzjattivi flimkien ghal matul is-sena. Sedqa kienet involuta fl-empowerment ta' dawn iz-zghazagh biex ippartecipaw b'mod attiv,  u li issa ser jiehdu s-sodisfazzjon taghhom meta jaraw xogholhom fil-parata tal-karnival.

Inizzjattiva ohra fil-komunita' hi li sedqa hadmet ma' l-iscouts tax-Xaghjra u dawn se jaghmlu parata fit-toroq ta' Haz-Zabbar nhar il-Gimgha 1 ta' Frar. Dan huwa mod kif iz-zghazagh ikunu qed jutlizzaw it-talenti u l-abbiltajiet tgahom biex ferrhu lin-nies ta' madwarhom.